


APRIL - ĠUNJU 2010

## MESSAĠĠ MILL-KAP TAL-ISKOLA

### Il-Kreattività mil-Lenti tas-Surmast

Grazzi lil dawk il-ġenituri kollha li wieġbu għall-attività *Lilek se Narak*. Din kienet *Open Day* b'differenza. Il-ġenituri minbarra li ġew mistiedna jduru mal-iskola, jilagħbu ma' wliedhom u mal-għalliema u fl-aħħar jieklu *healthy breakfast,* kellhom ukoll l-opportunità biex jiltaqgħu mad-diretturi spiritwali tal-iskola. M'għandi l-ebda dubju li kull min attenda mhux talli ħa gost, talli tgħallem ukoll kif għandu jipprepara ikel li hu tajjeb għas-saħħa. Din l-inizjattiva intgħoġbot ħafna mill-ġenituri u wrew ix-xewqa li ssir aktar spiss.

Nhar il-Ġimgħa l-14 ta' Mejju l-iskola tagħna għamlet pass ieħor 'il quddiem fl-istorja tagħha. Is-sala l-ġdida żżanżnet biex jiġi organizzat Jum il-Premjazzjoni. Kull min attenda seta' japprezza u jara b'għajnejh ix-xogħol kbir u ta' livell għoli li sar mill-għalliema biex jittella' l-programm. Dan is-suċċess żgur li ma kienx ikun possibbli li kieku l-għalliema m' emmnux fiż-żgħażagħ magħżula u li kieku l-istudenti u l-għalliema m'għamlux sagrifiċċji kbar. It-taħriġ kollu sar waqt il-brejk u kien hemm ukoll studenti li ma ħarġux ma' sħabhom biex ma jitilfux mit-taħriġ. Nixtieq nirringrazzja minn qalbi lill-istudenti u l-għalliema kollha tal-isforz kollu li għamlu.

Id-devozzjoni lejn il-Madonna fl-irħula ta' madwar l-iskola hija waħda kbira u għalhekk l-iskola ħasset li kien wasal iż-żmien biex fl-iskola tagħna nkomplu nsaħħu din il-ġibda lejn Ommna Marija. L-iskola ddeċidiet, wara ħafna laqgħat u diskussjonijiet, li tinxtara statwa tal-Madonna tal-Mirakli u li titpoġġa fuq pedestall fil-bitħa, fejn issir it-talba għall-istudenti kollha. Id-disinn tal-pedestall sar mis-Sur C. Carter, għalliem tal-Arti.

...ikompli f'paġna 2



**Kulleġġ San Benedittu, Sekondarja Subien**
*Sħaħ fl-ispirtu u fil-ħidma*
☎ 21642427 🖷 21642423
✉ sbc.kirkop.bs@gov.mt
http://schoolnet.gov.mt/kulleggsanbenedittubco

# EDITORJAL

## It-Tmiem jew il-Bidu? ... Tas-Suċċess

Din is-sena skolastika waslet fi tmiemha. Sfortunatament għal xi studenti dan ifisser il-bidu tal-istudju tagħhom! Biex jirnexxu tassew, l-istudenti jridu jaqdu d-dmirijiet tagħhom matul is-sena kollha. Dan isir billi jagħmlu x-xogħol li jingħataw mill-għalliema, jieħdu ħsieb idaħħlu l-qari bħala passatemp tagħhom u jimxu mar-regolamenti tal-iskola. Huwa b'dan il-mod li jkollna s-suċċess kemm fir-riżultati tal-eżamijiet, kif ukoll fl-irġulija ta' dawn iż-żgħażagħ.

Quddiemhom l-istudenti għandhom sajf li fih jeħtieġ li jgawdu u jistrieħu. Madanakollu l-ġenituri għandhom jaraw li l-edukazzjoni ta' wliedhom ma tiġix traskurata f'dan iż-żmien. Ħadd ma jista' jippretendi li fis-sajf jitkisser dak kollu li jkun inbena matul is-sena skolastika u mbagħad jerġa' jsir kollox hekk kif l-istudenti jerġgħu lura l-iskola f'Settembru. Is-suċċess tal-istudenti jrid iż-żmien u s-sagrifiċċju biex jinkiseb. Kemm l-għalliema kif ukoll il-ġenituri għandhom jiġbdu l-istess ħabel li bih jidderieġu lit-tfal sabiex jiksbu l-għanijiet u s-suċċessi li jistħoqqilhom. Għaldaqstant mal-qari għandu jiġi mrawwem ukoll l-għarfien kulturali billi l-ġenituri jieħdu lit-tfal jaraw xi wirjiet, postijiet storiċi, drammi u wara jħeġġuhom ifittxu fuq dak li jkunu tgħallmu. Jekk ikun hemm l-interess mill-ġenituri, dan se jnissel l-interess għat-tagħlim fl-istudenti. B'hekk titnaqqas il-ħela ta' ħin li l-istudenti jgħaddu quddiem il-kompjuter biex jiċċettjaw u jilagħbu.

Is-Sur W. Incorvaja
Għall-Bord Editorjali

---

*...ikompli minn paġna 1*

Il-25 ta' Mejju kien jum ieħor kbir għall-iskola tagħna. Dakinhar saret l-attività *1000 in 10* fejn ilkoll flimkien bdilna elf flixkun tal-plastik f'elf kontenitur utli f'għaxar minuti. L-attività infetħet mill-Ministru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, l-Onor George Pullicino.

Dakinhar ingħaqdu magħna wkoll studenti mill-Università ta' Belmont fl-Istati Uniti, li ġew f'pajjiżna biex jaqsmu mal-istudenti Maltin l-esperjenzi tagħhom fil-*basketball*, biss huma ħadu gost li kienu parti minn din l-attività mhux tas-soltu.

Nagħlaq billi nawgura lill-istudenti kollha li jkollhom riżultati tajbin fl-eżamijiet tal-aħħar tas-sena; madankollu nfakkarhom ukoll li s-suċċess ma jiġix mix-xejn, iżda minn ħidma kontinwa matul is-sena.

Is-Sur R. Portelli
Kap tal-iskola

## L-għażla tas-suġġetti fit-tieni sena

Kemm-il deċiżjoni għamilt illum? Kif għamilthom? Kollha kienu tajbin? Għaliex? Li wieħed jagħmel deċiżjoni hi ħaġa ta' kuljum, hemm min itella' s-sold, hemm min jimxi bir-raġunar, hemm min skont kif iħossu dak il-ħin, hemm minn iħalli lil ħaddieħor jagħmel id-deċiżjoni għalih. Li wieħed jitgħallem il-ħila ta' kif jagħmel deċiżjoni tajba hu importanti u kull sistema edukattiva tajba trid tara li l-istudenti jitgħallmuha.



Fit-Tieni Sena l-istudenti huma mitluba li jagħmlu għażla ta' suġġett jew tnejn skont f'liema klassi jkunu. Din hi opportunità fejn l-istudenti mhux biss jitgħallmu l-ħila ta' kif jagħmlu deċiżjoni tajba, imma wkoll iwettquha u biż-żmien jesperjenzaw l-effett ta' din id-deċiżjoni.

B'dan il-għan tħejja programm ta' attivitajiet, fejn ipparteċipaw kemm il-ġenituri u l-istudenti kif ukoll numru kbir ta' għalliema. F'Jannar il-ġenituri kellhom laqgħa fejn ġie diskuss kif setgħu jgħinu lil uliedhom jitgħallmu kif issir deċiżjoni tajba. Sadanittant l-istudenti fil-lezzjonijiet tal-PSD kienu qed jitrattaw is-suġġett ta' kif tagħmel deċiżjoni.

Ftit qabel l-Għid l-istudenti ġew mogħtija ktejjeb imħejji mill-għalliema tad-diversi suġġetti dwar kull suġġett. F'dan il-ktejjeb l-istudent seta' jara x'jinvolvi kull suġġett, x'ħiliet għandek bżonn, u fejn jista' jwasslek. Ġimagħtejn wara l-Għid l-istudenti flimkien mal-ġenituri kienu mistiedna biex jattendu għall-fiera tas-suġġetti fejn mhux biss semgħu għalliema tas-suġġetti jispjegaw x'inhu s-suġġett, imma setgħu wkoll jistaqsu xi diffikultajiet jew kurżitajiet li seta' kellhom. Kemm il-ġenituri kif ukoll l-istudenti setgħu jagħmlu appuntament kemm mal-għalliema tas-suġġetti kif ukoll mal-għalliema tal-*guidance* biex jiċċaraw iktar l-ideat. L-għalliema tal-*guidance* anke marru jduru klassi klassi fejn iċċaraw u reġgħu rrivedew xi punti ta' kif issir deċiżjoni tajba. Imma kull deċiżjoni trid tiġi mwettqa. Kienet ir-responsabbiltà tal-istudent li jaraw li jimlew l-applikazzjoni tajjeb u li tkun miġbura sad-data tal-għeluq.

Kien proċess twil li mhux biss ħoloq opportunità fejn l-istudenti tgħallmu kif jieħdu deċiżjoni u jwettquha imma wkoll ħoloq opportunità fejn ġenituri u tfal tkellmu u ddiskutew flimkien. Kien ukoll mument fejn l-istudenti ħassewhom li qed jikbru u għalhekk ġew afdati b'responsabbiltà.

Is-Sur M. Cassar
Għalliem tal-Guidance

# ESPERJENZA FID-DINJA TAX-XOGĦOL

Għat-tieni sena konsekuttiva ġiet organizzata il-Job Exposure Week għall-istudenti tal-Ħames Sena. Il-grupp ta' din is-sena kien jgħodd iktar minn 160 student għalhekk ġie deċiż li l-grupp jinqasam fi tnejn. Għalhekk wara li lestew l-eżamijiet ta' nofs is-sena, l-ewwel grupp ħareġ fl-ewwel ġimgħa ta' Marzu u t-tieni wieħed il-ġimgħa ta' wara. B'kollox ħadu sehem iktar minn 30 kumpanija li kienu jvarjaw minn xogħlijiet f'setturi tas-saħħa, kumpaniji fil-qasam tal-manifattura u kummerċ, kunsilli lokali, negozji żgħar, edukazzjoni (sport u *kindergartens*), agrikoltura u l-kura tal-annimali, media, uffiċini u kompjuters, u turiżmu. Tul din il-ġimgħa l-istudenti mhux biss kellhom imiddu idhom għal xogħol ħafif imma wkoll jaħsbu u jimlew *log book*, u jirriflettu dwar x'kien għaddej madwarhom tul din l-esperjenza. Xi għalliema marru regolarment jaraw li kollox kien sew.



Biex din l-attività tkun suċċess, ix-xogħol kien ilu li nbeda mis-sena l-oħra. Barra minn hekk matul is-sena kollha l-istudenti kienu qed jiġu ppreparati fil-lezzjonijiet tal-*career studies*.

Kienu ħafna l-esperjenzi li l-istudenti ħadu magħhom. Kien hemm min beda jinduna li d-dinja tax-xogħol mhix eżatt kif kien jaħsibha hu. Kien hemm min ra li fil-fatt hu aktar kapaċi milli ħaseb u b'naqra impenn iżjed kapaċi jasal fejn jixtieq. Kien hemm min beda xogħol li ħaseb li kien mod u ħareġ b'idea kompletament differenti. Din ġrat f'diversi postijiet speċjament min ħadem fil-qasam tas-saħħa u ma' nies bi bżonnijiet speċjali. Kien hemm min induna li mhux ser isib kollox lest u jrid juri iżjed impenn u inizjattiva. Il-kummenti ġenerali fuq l-istudenti mill-industrijalisti kienu pożittivi ħafna.

Ma kinitx biss esperjenza għall-istudenti. Għalkemm il-ġenituri raw l-importanza ta' din l-esperjenza u xtaquha, ma jistax jonqos li ma nkwetawx xi ftit. It-trasport lejn il-post tax-xogħol, il-qawmien kmieni u l-puntwalità, ma min se jkunu u ma' xiex se jiltaqgħu kienu biss ftit minn dan l-inkwiet. Biss ħafna minn dawk li għamlu din l-esperjenza kkummentaw li għaddiet malajr wisq u li kieku kienet itwal, imqar ġimagħtejn, kien ikun aħjar.

Is-Sur M Cassar
Għalliem tal-Guidance





# CRÊPES: L-IKEL TIPIKU FRANĊIŻ

Nhar il-Ħamis 22 t' April, grupp ta' 38 student tal-Franċiż marru l-Grotto Tavern, ir-Rabat. Hemmhekk iltaqgħu mal-kok Franċiż Didier u l-mara tiegħu Alexandra. Hu spjegalhom kif isiru l-*crêpes* (Pancakes) u x'ingredjenti jkollhom bżonn. Wara beda jistaqsihom mistoqsijiet dwar il-kultura Franċiża. Kull min wieġeb tajjeb kellu ċ-ċans joħroġ u jsajjar il-*crêpe* hu. Minn hawn u minn hemm Didier, jew kif inhu magħruf aħjar Didi, ta ċans lil kulħadd u b'hekk kull student kellu l-opportunità jsajjar.



Wara kilna l-*crêpes* li konna sajjarna. L-ewwel doqna l-*galette* bil-perżut u l-ġobon u wara l-*crêpe* biċ-ċikkulata skura. L-istudenti tant għoġbuhom li ħafna minnhom marru lura d-dar u reġgħu sajru minnhom biex jikluhom!

Is-Sa E. Grech Scicluna u s-Sa C. Stafrace
Għalliema tal-Franċiż

# ĦARĠA EDUKATTIVA FIL-ĠNIEN TA' SAN ANTON



L-istudenti kollha tal-ewwel sena flimkien mal-istudenti tal-ħiliet bażiċi tat-tieni sena u tar-raba' sena, kellhom żjara edukattiva fil-ġnien ta' San Anton. F'din iż-żjara, l-istudenti kienu involuti f'żewġ attivitajiet: attività minnhom kienet dik li l-istudenti marru lura fiż-żmien u raw kif kienu jsiru diversi snajja' maltin, bħalma huma l-insiġ, il-bizzilla, l-iskultura fil-ġebel u l-filugranu; l-attività l-oħra kienet dik ta' treasure hunt, fejn l-istudenti riedu jsibu xi informazzjoni li tinsab fil-ġnien ta' San Anton.

Din il-ħarġa kienet esperjenza edukattiva li rawmet l-imħabba lejn il-folklor malti u wirt l-imgħoddi fost l-istudenti tagħna, xi ħaġa marbuta wkoll mas-sillabi u t-tagħlim tal-Malti. L-istudenti kellhom esperjenza ta' kif jaħdmu bħala tim, iqassmu x-xogħol bejniethom, jitgħallmu u jieħdu pjaċir.



Is-Sa C. Tanti
Għalliema tal-Malti

# L-ISPORT ĠEWWA U BARRA L-ISKOLA



Is-sena skolastika riesqa lejn it-tmiem tagħha u hekk ukoll l-attivitajiet sportivi. L-aħħar kompetizzjonijiet li sejrin nieħdu sehem fihom huma din il-ġimgħa stess, atletika u futbol, li fihom għażilna studenti mill-Ewwel sar-Raba' Sena. Attività oħra marbuta mal-futbol hi dik li ser jieħdu sehem xi studenti mill-Ewwel Sena u li se tkun biex jinġabru fondi għall-karità b'risq il-*Puttinu Cares*.

L-għażla tal-istudenti għall-atletika kienet ibbażata fuq il-wirja li huma taw matul Jum l-Isport, fejn nofs il-jum kien iddedikat lil dan l-isport hekk sabiħ.

Bl-għajnuna tal-għalliema tal-edukazzjoni fiżika u l-għalliema l-oħra, stajna nwessgħu ħafna aktar l-għażla tal-attivitajiet fejn l-istudenti kollha kellhom l-opportunità li jieħdu sehem f'xi tellieqa tal-ġiri, qbiż jew tfigħ tal-ballun. L-istudenti rebbieħa ta' kull attività ħadu medalja tad-deheb, fidda jew bronż, unika, bl-arma tal-iskola fuqha. Din kienet opportunità fejn kull tifel seta' jipparteċipa, jikkompeti u juri l-abbiltajiet u t-talenti tiegħu.



Barra mill-atletika, l-istudenti kkompetew ukoll fil-*basketball, volleyball, handball, touch rugby, softball, hockey, dodgeball, bowling* u *fun games* fejn wara li ngħatawlhom il-punti, il-klassi li kellha l-akbar ammont ta' punti kienet rebbieħa. Il-klassijiet rebbieħa kienu dawn: 1.1, 2.1, 3.7 u 4.1. L-istudenti kollha ta' dawn il-klassijiet ħadu medalja oħra tad-deheb.

Attività oħra ta' suċċess li kienet relatata mal-isport kienet dik li fiha ħadu sehem għaxar studenti mill-Ewwel sar-Raba' Sena. In-numru ta' parteċipanti kien wieħed żgħir minħabba li din l-attività saret fl-Ingilterra, matul il-vaganzi tal-Għid. Fost l-oħrajn, l-istudenti għamlu *abseiling, climbing, high ropes, quad biking, canoeing, kayaking* u ħafna iżjed. Ħafna minnhom kienu sports individwali imma oħrajn kienu jirrikjedu koperazzjoni jew team work biex l-attivitajiet setgħu jirnexxu, bħal *canoeing, low ropes, sensory trail*...

Din kienet esperjenza oħra sabiħa li għenet lill-istudenti biex jikbru u jimmaturaw, jaħdmu aktar u jafdaw lil xulxin u fuq kollox jieħdu pjaċir b'mod mill-isbaħ bl-isport.



Is-Sur G. Dapi
Għalliem tal-PE

# IL-PROĠETT TAL-FJURI TAL-KROKUS



Dan il-proġett beda fl-Irlanda iżda llum il-ġurnata dan isir f'ħafna pajjiżi differenti. Il-krokus huma fjuri sofor li jinżergħu f'ħafna skejjel madwar id-dinja għal ħabta ta' Novembru. Dawn il-fjuri jikbru f'Jannar, biex imbagħad nhar il-25 ta' Jannar infakkru Jum l-Olokawst.

Kull fjura safra li tinbet tirrappreżenta tifel jew tifla Lhudi/ja li mietu innoċentament matul it-Tieni Gwerra Dinjija. Il-fjuri li jinżergħu huma sofor peress li matul it-Tieni Gwerra Dinjija l-Lhud kellhom jilbsu stilla safra fuq ħwejjiġhom biex juru li kienu Lhud. Il-Lhud sofrew ħafna matul it-Tieni Gwerra Dinjija u n-Nażi qatlu madwar sitt miljun Lhudi.

L-iskola tagħna żergħet madwar ħamsin fjura tul l-aħħar ġimgħa ta' Novembru. Din l-attività qed jieħu ħsiebha l-grupp tat-Teens' Club immexxi mis-Sa C. Elshout. Dakinhar li nżergħu l-basal tal-krokus kien ġie l-iskola tagħna l-Eċċellenza tiegħu l-President ta' Malta Dr. George Abela. Hu ra lill-istudenti jiżirgħu l-basal tal-krokus u tkellem mal-istudenti dwar dan il-proġett interessanti li qed jagħmlu.

Teens' Club ħa ħsieb isaqqi u jieħu ħsieb il-basal tal-krokus. L-istudenti tat- Teens' Club spjegaw lill-istudenti l-oħra s-sinifikat tal-fjuri tal-krokus u għaliex dawn qed jinżergħu f'ħafna skejjel f'pajjiżi differenti. Jalla li fid-dinja qatt ma jerġa' jkun hawn ġenoċidji oħra fejn imutu ħafna nies minħabba raġunijiet ta' diskriminazzjoni u razziżmu.



Is-Sa C. Elshout
Għalliema



# ĠUNJU 2010 TIME TABLE - EŻAMIJIET ANNWALI

| Ġurnata | Sessjoni | Form 1 | Form 2 | Form 3 | Form 4 |
|---|---|---|---|---|---|
| 11/6/2010 | 1 | M'hemmx Eżami | M'hemmx Eżami | M'hemmx Eżami | Orali |
| | 2 | | | | |
| 14/6/2010 | 1 | Matematika | Ingliż | Malti | Lingwi |
| | 2 | Reliġjon | Ġografija | Studji Soċjali | Storja (General u Option) |
| 15/6/2010 | 1 | Lingwi | Matematika | Ingliż | BS / Bijoloġija |
| | 2 | Studji Soċjali | Storja | Reliġjon | ICT |
| 16/6/2010 | 1 | Ingliż | Lingwi | Matematika | Malti |
| | 2 | Ġografija | Xjenza | Storja (General u Option) | Studji Soċjali |
| 17/6/2010 | 1 | Orali | M'hemmx Eżami | Bijoloġija/D&T | Kimika / D&T/ Studji Ewropej |
| | 2 | | | PE | Computer Studies |
| 18/6/2010 | 1 | M'hemmx Eżami | Orali | M'hemmx Eżami | M'hemmx Eżami |
| | 2 | | | | |
| 21/6/2010 | 1 | M'hemmx Eżami | M'hemmx Eżami | Kimika / BS | Letteratura Ingliża |
| | 2 | | | Computer Studies | HE |
| 22/6/2010 | 1 | Malti | HE / GC | Lingwi | Ingliż |
| | 2 | Storja | ICT | Ġografija (General u Option) | Reliġjon |
| 23/6/2010 | 1 | HE / GC | Malti | Spanjol 3 | Matematika |
| | 2 | ICT | Reliġjon | Fiżika | Ġografija (General u Option) |
| 24/6/2010 | 1 | M'hemmx Eżami | M'hemmx Eżami | Orali | M'hemmx Eżami |
| | 2 | | | | |
| 25/6/2010 | 1 | Xjenza | Studji Soċjali | GC | Taljan3/Franċiż3 |
| | 2 | M'hemmx Eżami | M'hemmx Eżami | ICT | Fiżika |
| 28/6/2010 | 1 | D&T | D&T | HE | GC |
| | 2 | M'hemmx Eżami | M'hemmx Eżami | M'hemmx Eżami | PE |

Taqsir tal-kliem - BS (Business Studies); D&T (Design & Technology); GC (Graphical Communication); PE (Physical Education); HE (Home Economics); TALJAN 3/FRANĊIŻ3 /SPANJOL 3 (Lingwi Option 3 mibdija fit-3 sena).

**N.B. L-ewwel sessjoni DEJJEM tibda fit-8:00am waqt li t-tieni sessjoni DEJJEM tibda fl-10:30am. Il-brejk ikun fl-10:00am ħlief meta jkun hemm eżami ta' sagħtejn.**

## Mejju 2010

| | |
|---|---|
| 25 | Trasformazzjoni ta' 1000 flixkun tal-plastik f'kontenituri f'10 minuti |
| 27 | Moving On Together – ċelebrazzjoni għall-istudenti kollha tas-Sitt Sena Primarja tal-Kulleġġ San Benedittu |
| 31 | *Secondary Exams & the Adolescent* – (għalliema tal-*Guidance/ Counsellor* ) – Ġenituri u studenti tar-Raba' Sena tal-Liċeo. |
| 31 | Quddiesa – Inkurunazzjoni ta' Sidtna Marija |

## Ġunju 2010

| | |
|---|---|
| 1 | Bidu tan-nofs ta' nhari |
| 2 | Ċelebrazzjoni tal-aħħar għall-istudenti tal-Ħames Sena |
| 3 | Jum Ewkaristiku |
| 3 | *Secondary Exams & the Adolescent* – (għalliema tal-*Guidance/ Counsellor* ) – Ġenituri u studenti tar-Raba' Sena tas-Sekondarja |
| 4 | Festa Ħiliet |
| 8 | Tranżizzjoni – studenti tas-Sitt Sena Primarja – Iż-Żurrieq |
| 11-15 | Eżamijiet orali tal-aħħar tas-sena |
| 16-28 | Eżamijiet tal-aħħar tas-sena |

## Lulju 2010

| | |
|---|---|
| 7-9 | INSET |
| 12 | Bidu tal-vaganzi tas-sajf |

*Il-programm jista' jinbidel skond il-ħtieġa*

## 25/5/2010: 1000 FLIXKUN F'10 MINUTI





# IL-ĠMIEL UNIKU TAL-PORT IL-KBIR

Nhar it-30 t'April, l-istudenti kollha tat-tieni sena u xi klassijiet tat-tielet sena setgħu tabilħaqq japprezzaw il-ġmiel uniku li hu mżejjen bih il-Port il-Kbir u l-madwar. Il-ħarġa edukattiva ġiet organizzata mill-kumitat li jieħu ħsieb li l-istudenti qed jingħataw biżżejjed opportunitajiet li jgħinuhom biex jikbru u jkunu jafu x'toffri Malta u b'hekk isiru ċittadini aktar attivi.

L-istudenti rħewlha mill-iskola u d-dgħajsa telqet mix-xatt ta' Tas-Sliema. Id-dgħajsa kienet riservata għall-istudenti biss u tul id-dawra tagħna kien hemm ukoll gwida li spjegat kull post li għaddejna minnu u anke rrakkontat biċċiet mill-Istorja ta' Malta.



Kif ħallejna Tas-Sliema u l-bini għoli tagħha għaddejna minn quddiem il-Gżira Manwel u hemm rajna l-Forti Manwel bid-dehra l-ġdida tiegħu peress li dan l-aħħar ġie rrestawrat. Il-gwida spjegat fuq l-isptar ta' Lazzaret li kien mibni fuq il-Gzira Manwel u kien jintuża min-nies li kien ikollhom il-pesta.

Qsamna l-Port ta' Marsamxett u rajna veduti sbieħ tal-Belt Valletta. Iżda żgur li l-iktar veduta li tpaxxi l-għajn hi dik tal-Port il-Kbir. Kif wieħed jaqbeż il-*breakwater* tistħajlek dieħel ġo żmien ieħor minħabba l-bini Medjevali li hi mżejna bih il-belt kapitali u anke t-tlett ibliet tal-Kottonera. Il-bini ta' difiża li ġie mibni mill-Kavallieri u anke mill-Ingliżi jagħti dehra unika lill-Port il-Kbir.

Forti Sant'Iermu fuq il-lemin u Forti Rinella fuq ix-xellug jinsabu fid-daħla tal-port. Forti Sant'Anġlu fil-Birgu, Forti San Mikiel fl-Isla u Forti Rikażli fil-Kalkara, kollha mibnija mill-Kavallieri, jkomplu jżejnu l-port. Minn fuq id-dgħajsa stajna napprezzaw ukoll il-bini tal-madwar speċjalment il-knejjes li jidhru. L-istudenti ħadu gost, tgħallmu ħafna u ħadu ħafna ritratti.

Wara din id-dawra kien hemm xi klassijiet li rħewlha lura l-iskola waqt li xi oħrajn komplew din il-ġurnata billi marru l-Belt Valletta. Hawnhekk dawn żaru l-Konkatidral ta' San Ġwann fejn setgħu jaraw wieħed mill-isbaħ eżempji tal-arkitettura Barokka f'Malta. Wara l-istudenti żaru wkoll Casa Rocca Piccola, li hi dar li nbniet fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann u għadha tintuża sal-lum il-ġurnata. Il-Markiż u sid id-dar laqa' lill-istudenti u spjegalhom kif kull ħaġa li hemm fid-dar juru kif il-moda u l-istil ta' ħajja dejjem jinbidel matul iż-żmien. L-istudenti żaru l-kappella tad-dar, il-kmamar tal-pranzu, il-librerja u anke qiegħ tal-bir tad-dar li fi żmien il-gwerra kien użat bħala xelter min-nies tal-Belt.

Is-Sa C. Elshout
President tal-Kumitat dwar iċ-Ċittadinanza

# ID-DRITTIJIET TAT-TFAL

Din is-sena ħabat l-għoxrin anniversarju mit-twaqqif tal-Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni Ewropea nidiet kompetizzjoni fl-iskejjel kollha ta' Malta u Għawdex fejn l-istudenti kellhom ipenġu poster fuq wieħed mid-drittijiet tat-tfal.

Mill-iskola tagħna pparteċipaw 24 student u ttellgħu ħafna tpenġijiet sbieħ u oriġinali. L-istudenti ffurmaw gruppi ta' erba' jew ħames membri. Wara li ddiskutew id-drittijiet fid-dettall, bdew jaħdmu fuq il-poster tagħhom kemm fil-brejk kif ukoll id-dar.




Xi drittijiet li l-istudenti pinġew posters fuqhom kienu d-dritt tal-għajxien, id-dritt tal-ugwaljanza, id-dritt tal-protezzjoni u ħajja sabiħa u d-dritt għall-ħtiġijiet bażiċi. L-istudenti użaw materjali differenti fuq il-poster tagħhom u anke kuluri differenti.

Il-posters kollha li saru mill-istudenti Maltin qed jiġu esebiti fl-uffiċċju li jirrappreżenta l-Kummissjoni Ewropea, f'Dar l-Ewropa. Dawk l-istudenti li ħadu sehem f'din l-esebizzjoni u bosta oħrajn li jixtiequ jitgħallmu iktar fuq id-drittijiet tat-tfal se jkollhom anke l-opportunità li fis-sajf jattendu *weekend* organizzat mill-Kummissarju tat-Tfal. Hawn se jitgħallmu iktar dwar id-drittijiet tat-tfal u anke se jagħmlu ħbieb ġodda!

Is-Sa C Elshout
Għalliema

# L-AĦĦAR LAQGĦA TAL-PROĠETT COMENIUS

Matul it-tieni ġimgħa ta' Mejju, l-iskola tagħna laqgħat grupp ta' għalliema u studenti minn Ċipru u l-Italja għall-aħħar laqgħa tal-proġett Comenius tal-Unjoni Ewropea. L-iskola tagħna hija l-koordinatur ta' dan il-proġett ta'sentejn bit-titlu Endemic and Indigenous Species and their Protection.

L-għan tal-proġett kien li l-istudenti jitgħallmu aktar dwar speċi endemiċi u indiġeni ta' pjanti u annimali fit-tliet pajjiżi parteċipanti, filwaqt li jingħataw ukoll tagħrif dwar kif jipproteġu dawn l-istess speċi. L-informazzjoni miġbura mill-istudenti nġabret fuq DVD u se tkun aċċessibbli wkoll mill-website tal-iskola tagħna. Permezz tal-fondi mogħtija mill-Unjoni Ewropea, il-grupp tal-Comenius qed jibni wkoll serra fuq il-bejt tal-iskola, li fiha se jiġu mkabbra wħud mill-ispeċi ta' pjanti li fuqhom saret ir-riċerka.

Is-Sa Kirsty Callus
Għalliema/Koordinatriċi tal-Proġett Comenius

# KEMMUNA: MHUX BAJJIET BISS!



Għall-ewwel darba f'din l-iskola ġiet organizzata ħarġa edukattiva f'Kemmuna. L-istudenti ta' Teens' Club u bosta studenti minn klassijiet differenti kellhom l-opportunità jagħmlu xi ħaġa li mhix tas-soltu, jimxu u jitgħallmu fuq il-bini storiku u l-ambjent naturali li nsibu f'Kemmuna. Matul din il-ħarġa edukattiva akkumpanjatna s-Sa Annalise Falzon min-Nature Trust li tatna ħafna informazzjoni utli.

Wasalna bil-lanċa bejn il-Kmiemen magħruf ukoll bħala Blue Lagoon u minn hemm bdejna l-mixja tagħna madwar il-gżira. Imxejna mad-dawra tan-naħa ta' fuq u rajna Daħlet il-Ħmar, il-bajja ta' San Nikola u anke l-bajja ta' Santa Marija. Rajna l-unika lukanda li nsibu fuq Kemmuna u waqafna fejn il-Forn. Żmien ilu dan il-post kien jintuża bħala Forn tal-Ħobż iżda llum insibu biss post mitluq. Hemm il-ħsieb li fil-futur dan isir ċentru ta' riċerka fuq il-flora u l-fawna ta' Kemmuna.

Qabel il-popolazzjoni ta' Kemmuna kienet ta' xi sittin familja. Illum insibu biss familja waħda li toqgħod f'Kemmuna. Bosta min-nies kienu telqu minn Kemmuna fis-snin sittin meta bosta Maltin u Għawdxin emigraw lejn l-Awstralja, il-Kanada u l-Istati Uniti. Rajna wkoll iċ-ċimiterju ta' Kemmuna u anke l-kappella ta' Santa Marija li tinfetaħ biss il-Ħadd.

Waqt il-mixja tagħna kellna ukoll l-opportunità naraw kif isir *ir-ringing* tal-għasafar mill-Bird Life. Membru tal-Bird Life libbes iċ-ċurkett lill-Bufula s-Safra, wiżinha, kejlilha ġwenħajha u wara ħalliha libera tgawdi l-kwiet ta' Kemmuna.

Fuq din il-gżira żorna wkoll il-fdalijiet tal-'Palazz' kif isibuh illum. Dan il-bini kien sptar tal-pesta li kien jintuża biex jiżolaw il-morda bil-pesta minħabba li din kienet tittieħed ħafna. Illum dan il-bini jinsab mitluq u għandu bżonn restawr.

Biex tkun ġurnata kompluta, mxejna sat-Torri ta' Santa Marija u anke dħalna fit-Torri. Voluntiera mill-NGO Din l-Art Ħelwa, ġew minn Għawdex u fetħulna t-Torri. Dawn tawna wkoll spjegazzjoni fuq l-użu tat-Torri fi żmien il-Kavallieri. Dorna isfel u anke tlajna fuq il-bejt tat-Torri minn fejn kellna veduti meraviljużi tal-gżejjer Maltin. Dan it-torri jinsab fi stat impekkabbli peress li għadu kif ġie rrestawrat.

Ħafna mill-istudenti ammettew li qatt ma kienu mxew fuq Kemmuna. Kemmuna hi tassew gżira unika mimlija bajjiet, widien u għerien u anke bini interessanti.

Is-Sa C. Elshout
Għalliema



Il-produzzjoni għal Jum il-Premjazzjoni ta' din is-sena kienet esperjenza ġdida għal żewġ raġunijiet ewlenin. L-ewwel u qabel kollox, din kienet l-ewwel produzzjoni li l-iskola tagħna tellgħet f'darha. Din hija xorti kbira għalina li minn issa 'l quddiem nistgħu nippjanaw kull attività għal fuq palk f'darna stess, mingħajr l-iskariġġ li kien ikollna fis-snin l-imgħoddija li rridu mmorru fi swali oħra barra mill-iskola.



Armonija hija produzzjoni ta' madwar siegħa, b'doża qawwija ta' mużika, żfin u kant. U għal din ir-raġuni ngħid li din kienet ukoll esperjenza ġdida, għax fil-fatt kienet l-ewwel produzzjoni għal Jum il-Premjazzjoni li fiha għaqqadna dawn l-elementi kollha flimkien.

Armonija titratta dwar erba' żgħażagħ b'talenti differenti, imma li minħabba raġunijiet varji dawn sabu diffikultajiet kbar sabiex jirrealizzaw il-ħolma tagħhom li jkomplu jistudjaw b'mod speċjalizzat fil-qasam tagħhom. Kollox isib postu malli fix-xena jidħol l-interlokutur, li għalih m'hemmx problema li ma tissolviex. U dawn iż-żgħażagħ malajr spiċċaw fl-aqwa skola tal-arti espressiva taħt is-superviżjoni ta' għalliema professjonali u ta' reputazzjoni għolja. U bħal kull ħaġa oħra fil-ħajja, mhux kollox ward u żahar. Insibu mumenti fejn kien hemm min qed jitħajjar iċedi għall-pressjonijiet. Imma ħaġa bħal din, l-interlokutur żgur ma kienx ser iħalliha għaddejja lixxa. U mnalla, għax dawn l-artisti żgħar tagħna fl-aħħar ingħaqdu ma' grupp kbir ta' studenti oħra biex offrew finali spettakolari u fl-istess ħin raw il-ħolma tagħhom issir realtà.



Biex dan kollu kien possibbli, kien hemm tim kbir ta' għalliema li taw sehem kbir u ħadmu bla heda sabiex din il-produzzjoni setgħet kienet possibbli. Diffiċli li nsemmi lil kulħadd hawn, imma s-sehem tagħhom kien fattur ewlieni għas-suċċess ta' din il-produzzjoni, speċjalment għall-finali spettakolari tagħha.



Is-Sur K. Scicluna
Għalliem

# IL-ĦARSIEN TAL-AMBJENT U L-KWALITÀ TAL-ĦAJJA

Dan il-kunċett seta' jintlaħaq permezz ta' ħarġa edukattiva li l-istudenti tal-Home Economics tar-Raba' Sena flimkien mal-għalliema tagħhom attendew waqt programm ta' ġurnata.



Iż-żjara bdiet f'razzett fil-limiti tal-Imġarr Malta fejn tiġi pprattikata l-biedja organika. Hawnekk l-istudenti setgħu jifhmu aħjar kif tvarja din is-sistema ta' biedja bil-vantaġġi u l-iżvantaġġi kollha tagħha meta mqabbla mal-metodu konvenzjonali. Minbarra l-mixja madwar l-għelieqi li jdawru dan ir-razzett, l-istudenti raw filmat li saħħaħ l-għarfien tagħhom dwar il-biedja organika.

Mill-Imġarr irħejnielha għaċ-Ċentru tal-iskart goff ta' Ħal Far sabiex l-istudenti jifhmu aħjar il-proċess involut meta persuna tiġi biex tagħmel użu minn din il-prattika. L-istudenti ingħataw tagħrif dwar il-proċess tas-separazzjoni ta' dan l-iskart, kif ukoll dwar kif dan jiġi riċiklat kemm f'Malta (metall, tajers u skart tal-ġnien), kif ukoll barra minn Malta (l-elettronika u l-ħġieġ).

Permezz ta' dawn iż-żjarat l-istudenti saru iktar konxji ta' kif għandhom jagħmlu l-aħjar użu mir-riżorsi ta' madwarhom sabiex titjieb ir-relazzjoni bejn il-ħarsien tal-ambjent u l-kwalita` tal-ħajja.

Is-Sa R. Zammit
Għalliema tal-Home Economics



## IS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ ’L BARRA MIR-RIXTELLU

Forsi ħafna mill-attenzjoni fejn tikkonċerna s-saħħa u s-sigurtà normalment tiffoka fuq linji gwida u prattiċi ġewwa l-bini tal-iskola u qajla jiġina f’moħħna biex nieqfu u naħsbu ftit dwar perikli li jeżistu barra r-rixtellu. Għaldaqstant il-kuntatt ta’ llum se jressaqna mill-qrib lejn xi nuqqasijiet li probabbilment nippratikaw b’mod awtomatiku, mingħajr ma naħsbu dwar ir-riperkussjonijiet li jista’ jkollhom fuq saħħitna.

### Il-mixja lejn l-iskola

Jekk kemm-il darba nagħżel li nerħilha lejn l-iskola bil-mixi għandi noqgħod attent li nimxi fuq il-bankina, insegwi sew il-moviment tal-vetturi billi nimxi bil-faċċata u nuża s-sens tas-smigħ tajjeb. Qatt m’għandi niġri u għandi nevita li naqsam bl-amment, minn kantuniera jew minn xi post fejn ma nkunx nidher tajjeb.

### Użu tas-servizzi ta’ sigurtà

Biex naqsam it-triq għandi nagħmel użu miż-*zebra crossing* u/jew mit-*traffic lights*. Bħalma wieħed seta’ jinnota, wara ħafna insistenza mal-awtoritajiet ikkonċernati, twaħħlu t-*traffic lights* quddiem il-kanċell prinċipali tal-iskola. Importanti li tagħmel l-aħjar użu minnhom billi taqsam meta l-kulur għall-pedestriji jkun aħdar, kun ċert li l-karozzi waqfu u kemm jista’ jkun aqsam fi grupp sabiex innaqqsu l-użu frekwenti ta’ dan is-servizz minħabba li t-triq tkun xi ftit traffikuża f’dawk il-ħinijiet.

### Ġenituri li jwasslu lil uliedhom bil-vetturi privati

Għandna nirrispettaw il-liġijiet sabiex nipproteġu saħħet uliedna u għaldaqstant għandna nħarsu t-*traffic lights* u nagħtu ċans lill-pedestriji jaqsmu, insuqu b’attenzjoni u mhux b’veloċità, nevitaw *double parking* sabiex ma noħonqux il-wisa’ tat-triq u nimblukkaw it-traffiku, ma nsuqux *wrong way*, inħallu l-entratura prinċipali aċċessibbli f’kull ħin u ma nidħlux bil-vettura fl-iskola mingħajr awtorizzazzjoni.

Grazzi tal-attenzjoni

Is-Sa R. Zammit
Responsabbli mis-saħħa u s-sigurtà

# EMBED EXHIBITION: NXT MINDSTORMS - ROBOTICS

Nhar l-Erbgħa 19 ta' Mejju, sittax-il student tat-tielet sena li għażlu s-suġġett tal-Istudju tal-Kompjuter flimkien mas-Sur A. Galea u s-Sinjorina R. Mamo, żaru l-Embed Exhibition li ttellgħet fil-lukanda Excelsior, il-Furjana. Barra li żaru din il-fiera, l-istudenti tagħna kellhom iċ-ċans jaħdmu f'*workshops* bir-rowbots tal-Lego.



Dawn is-sagħtejn li fihom l-istudenti ħadmu fil-*workshops* taru malajr minħabba li l-istudenti kienu motivati ħafna u kkonċentrati fuq il-biċċa xogħol li ingħatatilhom. Huma riedu jipprogrammaw ir-rowbot biex jgħaddi minn ġo labirint. Tinstema' faċli, imma biex għamlu dan riedu jkejlu d-distanza li kellu jgħaddi minnha r-rowbot, kif ukoll riedu jiskopru kif ir-rowbot seta' jdur 90º u 45º. Wara kellhom jaħdmu xi kalkoli biex imbagħad jużawhom fil-programm ta' fuq il-kompjuter biex imexxu r-rowbot.





Meta tqis li dawn l-istudenti ftit kienu użaw dan il-programm u r-rowbots, kif ukoll li tgħallmu billi esperimentaw dak il-ħin, din l-attività kienet suċċess. Tant hu hekk li malli eżatt ħriġna mill-fiera kien hemm xi studenti li staqsewna meta se nerġgħu nagħmlu xi attività simili.

L-istudenti tat-tieni sena li se jagħżlu l-Istudju tal-Kompjuter is-sena d-dieħla se jkollhom ċans mhux biss li jżuru fieri simili bħal dawn imma li jkunu jistgħu jipprogrammaw dawn it-tip ta' *robots* fil-klassi wkoll minħabba li r-rowbotics se jkun parti mis-sillabu tal-Istudju tal-Kompjuter mis-sena d-dieħla. M'għandix dubju li l-motivazzjoni u t-tagħlim b'mod formali mhux se jkun nieqes f'dawn it-tip ta' lezzjonijiet.




Is-Sur A. Galea u s-Sa R. Mamo
Għalliema tal-Istudju tal-Kompjuter




| | | |
|---|---|---|
| **Bord Editorjali:** | Assistent Kap: | *C Pisani Grixti* |
| | Disinn: | *A Galea* |
| | Issettjar: | *A M Zammit u A Galea* |
| | Qari tal-Provi: | *L Deguara u W Incorvaja* |
| | Stampar: | *C Cassar* |